**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 14 ta' Jannar 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 9/2019/2 JPG**

**Kawza Nru.: 22**

**DG**

**v.**

**CG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DG**,** datat 30 t'Ottubru 2020, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet fl-ismijiet premessi huma miżżewġin b'dan li r-regime applikabbli għaż-żwieġ tagħhom huwa dak tal-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi minkejja li l-partijiet għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf l-partijiet illum jgħixu ħajja kompletament separata;*

*Illi mit-tliet ulied tal-partijiet, tnejn huma maġġorenni u m'hemm ebda manteniment dovut lejhom filwaqt li fir-rigward tat-tliet wild, ċioe' M li huwa minorenni ċertament ma hemm l-ebda kwistjoni stante li l-esponenti dejjem ħallas għal kull bżonnijiet tal-istess minuri;*

*Illi m'hemm ebda ordni ta' manteniment relatat għal xi wieħed jew waħda mill-partijiet;*

*Illi xhur ilu l-esponenti talab lill-intimat, tramite il-legali tagħha, taqbilx li ssir is-*

separazzjoni tal-beni stante is-sitwazzjoni tal-partijiet u speċjalment in vista tal-fatt li n-negozju tal-esponenti mhuwiex għaddej minn żmien feliċi xejn. Ir-rikorrenti baqa' qatt ma ħa risposta mingħand l-intimata;

Illi r-rikorrent umilment jirrileva li jkun ġust, ekwu u prattiku li qabel ma jgħaddu aktar snin, għandu jkun hemm cut-off-date li jkun il-linja li timmarka b'mod ċar u tond fejn bdiet u spiċċat il-komunjoni tal-akkwisti;

Illi jiġi rilevat ukoll li tali talba qiegħda ssir f'dan l-istadju tal-proċeduri meta diġa' tressqu r-rappreżentanti tal-Banek kollha u r-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet finanjarji biex ikun hemm parametri ċari taż-żmien li fuq l-partijiet għandhom iressqu l-provi tagħhom għaliex jekk il-partijiet jistennew is-snin sakemm jinġabru l-provi kollha jew il-maġġor parti tagħhom u jintavolaw talba ta' din ix-xorta aktar ' il quddiem, fil-verita' l-proċess odjern ser tkun mgħobbi b'enkartament żejjed, volomuniż ghal xejn li mix-xorta tiegħu ser ifixkel l-andament tal-istess kawża minflok ikun ta' aktar għajnuna jew prattiku;

Illi għalhekk it-talba odjerna sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet qiegħda ssir propju f'dan l-istadju u dan stante wkoll li ħadd mill-partijiet m'hu ser jiġi preġudikat b'tali talba għaliex:

1. Il-partijiet għandhom introjtu tagħhom b'dan li l-intimata għadha sal-lum qatt ma ddikjarat kemm hu tali introjtu u naturalment peress li l-partijiet jgħixu ħajja separata, l-epsonent m'għandu ebda idea tal-istess u qatt ma ingħata xi sehem mill-istess introjtu;

2. Ir-rikorrent qed jitlob biss dikjarazzjoni ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom stante li jifhem (u hekk hu xieraq) li l-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ssir mas-sentenza finali tal-istess partijiet tenendo kont tat-talbiet, l-eċċezzjonijiet u t-tort li ser jirriżulta fl-istess kawża;

3. Il-perjodu li fuq l-partijiet rispettivi ser iressqu l-provi tagħhom ser ikun dikjarat mill-bidu nett u għalhekk il-proċess tal-ġbir tal-provi ser ikun aktar veloċi, prattiku u effiċċjenti bil-għan li anke l-istess ġbir tal-provi

*ma jkunx daqstant twil u l-partijiet ikunu jistgħu jerġgħu jibdew paġna ġdida;*

4. *Illi żgur li jista' jingħad li l-m'hemm ebda prospett li l-partijiet jirrikonċiljaw;*

*Illi f'dan l-istadju l-epsonent jixtieq jirrileva li din l-Onorabbli Qorti dejjem irriteniet li tali talba, preċizament bħal din li qed issir permezz tar-rikors odjern għandha tintlaqa' sakemm ma jkunx hemm prova ta' preġudizzju mhux proporzjonat għal xi waħda mill-partijiet. Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Lorraine Farrugia vs Anton Farrugia (210/2008AL) fejn din l-Onorabbli Qorti minkejja li l-intimat ma kienx jaħdem xorta waħda laqgħet it-talba għall-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti għaliex ġie dikjarat is-segwenti:*

> *"Il-qorti tara li fiċ-ċirkustanzi, tenut kont tal-fatt li jidher li l-piż finanzjarju kollu tpoġġa fuq ir-rikorrenti, l-fatt li l-intimat ma jistax jaħdem minħabba l-mard tiegħu, l-fatt li l-istess intimat għandu introjtu zgħir immens li faċilment jista' jwasslu sabiex jagħmel id-dejn ma' terzi u konsegwentement jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom b'mod li jkun jippreġudika l-iżjed lir-rikorrenti, din il-qorti tasal biex tikkonkludi li ma jkun hemm ebda preġudizzju mhux proporzjonat f'każ li jkun hemm il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom f'dan l-istadju."*

*L-esponenti umilment jirrileva li ġialadarba din l-Onorabbli Qorti laqgħet talba simili għal dik li qed issir permezz tar-rikors oderjn fejn parti waħda lanqas biss kienet taħdem, kemm għandha tilqa' t-talba odjerna meta l-intimata għandha impieg u qed tgħix ħajja kompletament separata mir-rikorrent?*

*Illi għalhekk, ir-rikorrent umilment jissottometti li tħares minn fejn tħares lejn it-talba odjerna, fil-verita' m'hemm ebda preġudizzju għal xi parti jew oħra li jkun hemm dikjarazzjoni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Anzi ser jirriżulta li tali preġudizzju jseħħ u jkompli jikber f'każ li l-partijiet jibqgħu bl-status quo bejniethom u ċioe' bir-regime tal-komunjoni tal-akkwisti;*
*Għaldaqstant, abbażi ta' dak suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta*

*tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ...*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' CG, datata 13 ta' Novembru 2020, a fol 10 li taqra hekk:

> *Illi l-esponenti ma ghandiex oggezzjoni ghat-talba avvanzata mill-attur fir-rikors surriferit, b'dan li l-vettura VW Tiguan targata RVN 001 hija parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, stante li ma jidhirx li giet elenkata fil-provi prodotti mill-attur. L-esponenti tawtorizza lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza in parte.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020) fejn l-avukat difensur tal-attur iddikjara li f'kas li l-konvenuta ma toggezzjonax ghall-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti, stieden lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza in parte minghajr htiega ta' seduta ulterjuri;

Rat ukolli illi fl-istess risposta taghha, l-intimata stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza in parte;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attur permezz tar-rikors tat- tletin (30) t'Ottubru elfejn u ghoxrin (2020) fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Permezz tar-risposta taghha, datata tlettax (13) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020), il-konvenuta CG, ma oggezzjonatx ghat-talba tal-attur.

Illi in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-konvenuta, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attur jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur *in toto* u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**